

Brussell, 30 ta' April 2019
(OR. en)

8933/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

AGRI 233
AGRIFIN 31
AGRILEG 92
AGRIORG 26
AGRISTR 34
CODEC 1027
CADREFIN 225

NOTA

minn: Presidenza
lil: Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Suġġett: Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
- *Thejjja tad-dibattitu tal-Kunsill dwar il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid*

Bi thejjja għall-Kunsill "Agricoltura u Sajd" tal-14 ta' Meju 2019, id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) dokument ta' diskussjoni mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, inkluż żewġ mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu ministerjali.

Fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura tas-6 ta' Meju 2019, id-delegazzjonijiet ser jintalbu japprovaw il-mistoqsijiet u jikkondividu l-fehmiet preliminari tagħhom dwarhom, mingħajr preġudizzju għad-dibattitu tal-Kunsill.

**Dokument ta' diskussjoni dwar il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid għad-dibattitu
ministerjali tal-14 ta' Mejju tal-Kunsill AGRIFISH**

Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-14 ta' Mejju, il-Presidenza tixtieq tipproponi dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid taħt ir-riforma tal-PAK wara l-2020 (Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK). Sabiex jitmexxa d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza tixtieq tipproponi l-mistoqsijiet ta' hawn taħt, sabiex jiġu approvati mill-KSA u indirizzati ulterjorment mill-Ministri.

Kwistjonijiet ewlenin tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid:

Għall-PAK wara l-2020, il-Kummissjoni pproponiet bidla minn politika bbażata fuq il-konformità għal politika bbażata fuq il-prestazzjoni, b'fokus fuq l-outputs u r-risultati (il-"Mudell ta' implimentazzjoni ġdid"). Dan il-prinċipju kien appoġġat b'mod ġenerali mill-Istati Membri.

L-elementi ewlenin li jikkostitwixxu l-qafas ta' prestazzjoni tal-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid" huma s-sistema ta' governanza, l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-analiżi tal-prestazzjoni. Hija ta' importanza ewlenija għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni li l-ammonti unitarji jiġu stabbiliti minn qabel fi ħdan il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. It-tqabbil tan-nefqa mal-outputs irrappurtati (ammont unitarju), il-valutazzjoni tas-sistemi ta' governanza, kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni permezz tar-rieżami tal-progress li jkun sar fir-rigward tal-oġettivi intermedji annwali bbażati fuq l-indikaturi tar-risultati huma elementi ewlenin tal-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid". Madankollu, xi elementi tal-proposta ġew identifikati bħala problematiċi u jeħtieġu aktar diskussjoni fil-livelli tal-Grupp ta' Ħidma u tal-KSA sabiex is-sistema l-ġdida ssir aktar prattikabbli.

- **Ir-rappurtar ta' objettivi intermedji u analiżi tal-prestazzjoni:**

Il-proposta tal-Kummissjoni tistipula analiżi annwali tal-prestazzjoni marbuta mal-objettivi intermedji annwali bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati. Bosta Stati Membri kkritikaw dan l-approċ minħabba l-esperjenza tagħhom bis-sistema attwali ta' prestazzjoni applikata fl-Iżvilupp Rurali, filwaqt li jsostnu li l-objettivi intermedji annwali jwasslu għal piż amministrattiv sinifikanti. Barra minn hekk, hemm ir-riskju li l-analiżi annwali tal-prestazzjoni tippenalizza l-istimi żbaljati tal-objettivi intermedji annwali pjuttost milli l-progress tal-implimentazzjoni tal-PAK.

B'riżultat ta' dan, fis-suġġerimenti tagħha dwar l-abbozzar tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-Presidenza Awstrijaka pproponiet li l-objettivi intermedji annwali jiġu sostitwiti b'objettivi intermedji biennali, l-analiżi annwali tal-prestazzjoni b'waħda biennali, u li tiżdied minn 25 % għal 35 % id-devjazzjoni possibbli mill-valuri tal-objettivi intermedji li ma jirrikjedux il-ħtieġa tal-għoti ta' ġustifikazzjonijiet, filwaqt li tinżamm approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni kif stipulat fir-Regolament Orizzontali. Bosta Stati Membri laqgħu din il-bidla b'mod pożittiv, u xi wħud minnhom saħansitra talbu frekwenza aktar baxxa fir-rappurtar u saħansitra perċentwal oġhla ta' devjazzjoni possibbli.

Taħt il-Presidenza Rumena, id-delegazzjonijiet tennew li kienu lesti li jaċċettaw il-qafas ta' prestazzjoni proposta iżda reġgħu enfasizzaw il-ħtieġa li wieħed joqrob lejn mudell li jaqdi l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. B'mod ġenerali qablu dwar il-ħtieġa li l-marġni ta' tolleranza propost mill-Kummissjoni jiżdied u tennew it-tħassib tagħhom dwar l-objettivi intermedji annwali għal ċerti tipi ta' interventi. Ġew appoġġati opzjonijiet differenti, fosthom li l-kisba tal-objettivi tiġi verifikata kull sentejn (jew darbtejn biss matul l-implimentazzjoni tal-politika) jew li ma jiġux stabbiliti objettivi intermedji għall-ewwel snin.

Għalhekk, il-kwistjoni ta' approċċ progressiv, li jinkludi devjazzjoni mill-miri, ġiet diskussa matul il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-28 ta' Jannar 2019 u rċeviet appoġġ wiesa' mill-Ministri.

Konsegwentement, fil-proposti tagħha ta' abbozzar (7485/19), il-Presidenza Rumena ssuġġeriet li l-Artikolu 121a li għadu kif ġie introdott jippermetti devjazzjoni akbar mill-obiettivi intermedji rispettivi fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta ġustifikazzjoni, li tibda minn aktar minn 45 % fis-sena finanzjarja 2022, 40 % fis-sena finanzjarja 2023 u 35 % fl-2024 u fis-snin finanzjarji sussegwenti. Madankollu, dan l-approċċ jista' jiġi implimentat biss b'objettivi intermedji annwali u analiżi annwali tal-prestazzjoni, u għalhekk il-kelma "annwali" tħalliet fil-virgoletti għall-analiżi ta' prestazzjoni. Fil-pożizzjonijiet miktuba u l-interventi orali tagħhom, bosta delegazzjonijiet baqgħu jtennu t-tħassib tagħhom rigward l-annwalità kemm tal-obiettivi intermedji kif ukoll tal-analiżi tal-prestazzjoni.

Matul id-diskussjonijiet li saru s'issa, il-Kummissjoni għamlitha ċara li jkun diffiċli li jiġu aċċettati objettivi intermedji biennali. Analiżi annwali tal-prestazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet, abbażi ta' objettivi intermedji annwali, hija essenzjali sabiex jiġu identifikati u indirizzati f'waqthom id-dgħufijiet possibbli. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li n-nuqqas li jiġi rrispettat id-distakk propost ta' 25 % ma jwassalx awtomatikament għal pjan ta' azzjoni, ladarba li l-Istati Membri jkun jistgħu jipprovd u ġustifikazzjonijiet sodisfaċenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat li f'każ li xi elementi fil-pjan ma jkunux realistiċi, dawn ikollhom jiġu emendati. Għalhekk, il-pjan, li jinkludi l-obiettivi intermedji, jista' jiġi emendat, possibbilment billi jiġu orjentati mill-ġdid xi wħud mill-interventi. Peress li dan għandu jsir f'waqtu, analiżi annwali tal-prestazzjoni bbażat fuq objettivi intermedji tkun iktar adatta għas-sistema ta' prestazzjoni ġdida proposta, billi timpenja kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni.

B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, inti tqis li għandhom jiġu stipulati analiżi annwali tal-prestazzjoni u objettivi intermedji annwali, minflok biennali (kif propost mill-Presidenza Awstrijaka), biex b'hekk tkun tista' ssir l-implimentazzjoni tal-approċċ progressiv maqbul u tolleranza kif stabbilit fl-Artikolu 121a ġdid, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu indirizzati f'waqthom id-dgħufijiet potenzjali tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politika?

- Stabbiliment ta' ammonti unitarji għal interventi mhux ibbażati fuq is-superfċje/l-annimali:

L-istabbiliment ta' ammonti unitarji annwali ppjanati huwa element ewlieni għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni fil-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid", iżda l-verifika tal-ammont unitarju annwali realizzat (il-proporzjon bejn in-nefqa u l-outputs) hija essenzjali għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni.

Filwaqt li dan l-approċċ jidher li huwa fattibbli għal interventi bbażati fuq s-superfċje/l-annimali, li għalihom hija possibbli definizzjoni ċara u ċerta varjazzjoni ta' ammonti unitarji, ma jidhirx li dan huwa l-każ għall-interventi mhux ibbażati fuq is-superfċje/l-annimali, bħal proġetti pluriennali eċċ. Minħabba n-natura tagħhom, l-istabbiliment ta' ammonti unitarji ppjanati fil-forma ta' ammont medju ta' appoġġ jista' joħloq diffikultajiet fl-ippjanar minn qabel tal-perijodu sħiħ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Bosta Stati Membri esprimew tħassib li dan jista' jżid ir-riskju li kull sena jkollhom jiġġustifikaw kull diskrepanza ta' intervent bejn l-ammonti unitarji ppjanati u dawk reali, u li dan ma jkunx konformi ma' sistema ta' rappurtar prattikabbli u effiċjenti.

Ġew diskussi diversi opzjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma sabiex tinstab soluzzjoni li taħdem għal dawn it-tipi ta' interventi, bħal żieda fil-flessibbiltà għall-adozzjoni tal-ammonti unitarji ppjanati jew l-użu ta' element kwantifikat differenti biex jiġu sostitwiti l-ammonti unitarji.

Il-Kummissjoni spjegat li l-ġustifikazzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jipprovdu f'każ ta' diskrepanzi possibbli jkunu biżżejjed, iżda esprimiet ukoll tħassib dwar l-opzjoni li jintuża element kwantifikat differenti biex jiġu sostitwiti l-ammonti unitarji b'rata medja ta' appoġġ għal dawn it-tipi ta' interventi. Enfasizzat ukoll li żieda fil-flessibbiltà għall-adozzjoni tal-ammonti unitarji ppjanati tkun fil-prinċipju kompatibbli mal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid, peress li l-mod kif jiġu adattati l-ammonti jipprovdi approċċ aktar realistiku, jindirizza t-tħassib imqajjem mill-Istati Membri, inaqas il-piż amministrattiv sa ċertu punt u jipprovdi bażi għall-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni.

B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, inti tqis il-ħtieġa li r-Regolament jipprevedi ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-istabbiliment ta' ammonti unitarji annwali għall-interventi mhux ibbażati fuq is-superfċje/l-annimali (eż. ibbażati fuq operazzjonijiet magħżula) mingħajr ma jiġi affettwat il-funzjonament tal-elementi ewlenin tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid, bħall-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni?